# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' Ottubru, 2001.**

**Numru 6**

**Avviz numru 635/97 MM**

**Montaldo Insurance Services Limited bhala agenti u in rapprezentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Co kif surrogat fid-drittijiet tal-assigurat tieghu Victor Vella.**

**vs**

**Stephan Sant Fournier u b'digriet tal-Qorti tat-13 ta' Ottubru 1999 gie kjamat fil-kawza John Ciantar.**

**Il-Qorti;**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-20 ta' Novembru 2000, liema sentenza taqra kif gej :-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fil-25 ta' Marzu 1997 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas is-somma ta' Lm286.45 jew somma ohra verjuri li ma teccedix is-somma ta'

Lm500 li tigi likwidata minn din il-Qorti bhala danni u spejjez relatati, u kagjonati minnu fl-incident tat-traffiku li gara fis-26 ta' Frar 1996 f'tas-Sliema, waqt li hu kien qed isuq vettura U-8421 bi traskuragni, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku habat gol-vettura O-2045 misjuqa mill-assikurat tal-attur Victor Vella assigurat b'polza "comprehensive" u dana prevja dikjarazzjoni ta' responsabbilita' tieghu.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 25 ta' Marzu 1997 kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut u kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn ecepixxa illi :-

1. It-talbiet attrici huma nfondati sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li ghall-incident "de quo" kien unikament responsabbli s-sewwieq tal-vettura tal-assigurat tal-attur in vista tat-traskuragni, negligenza, imperizja, u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti unika tieghu.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ir-responsabbilita' tal-kollizzjoni meritu ta' din il-kawza tinsab gia' deciz per sentenza minn din l-Onorabbli Qorti moghtija fl-20 ta' Gunju 1997 fl-ismijiet "Micallef Insurance Agency Limited noe vs John Ciantar (avviz nru 665/97 DS).

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti fejn ecepixxa illi r-responsabbilita' ta' kollizzjoni mithla ta' din il-kawza jinsab gia' deciz per sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti moghtija fl-20 ta' Gunju 1997 fl-ismijiet "Micallef Insurance Agency Limited noe vs John Ciantar" (avviz nru 665/97 DS).

Rat il-verbal tat-13 ta' Jannar 1998 fejn il-partijiet qablu li ma hemmx kontestazzjoni dwar il-kwantum tad-danni li qed jigi reklamat f'din il-kawza.

Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti tat-8 ta' Gunju 1998 fuq il-kwistjoni ta' res judicata mqajjma mill-konvenut min-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-11 ta' Marzu 1999 fejn irrevokat is-sentenza ta' din il-Qorti u rrinvjat l-atti lil din il-Qorti sabiex il-kawza titkompla, tigi trattata u deciza.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-13 ta' Ottubru 1999 (fol. 78) fejn ordnat il-kjamat il-kawza ta' John Ciantar li baqa' kontumaci.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat :-

Jinghad mill-bidu nett illi din il-kawza hadet zvolta komplikat illi ma kienx mistenni minn semplici kawza ta' incident tat-traffiku. Din il-komplikazzjoni kellha l-bidu taghha f'kawza li giet deciza minn din il-Qorti fil-konfront ta' John Ciantar is-sewwieq tal-karozza tal-assikurat ta' Montaldo Insurance liema sentenza nghatat fl-20 ta' Gunju 1997 favur Micallef Insurance peress illi John Ciantar baqa kontumaci.

Jinghad illi Micallef Insurance hija s-socjeta' assikurattrici tal-konvenut odjern Stephan Sant Fournier, kwindi wara li nghatat dik is-sentenza s-sitwazzjoni kienet illi s-socjeta' attrici odjerna bhala s-socjeta' tat-third party fl-ewwel kawza kellha thallas lil Micallef Insurance l-ammont ta' danni illi kien qed jigi mitlub f'dik is-sentenza. L-affari pero' ma waqfitx hawn, ghax sussegwentement Montaldo Insurance Services Limited harrket lil Stephan Sant Fournier biex iwiegeb ghad-danni reklamati f'din il-kawza ghall-istess incident. Is-sitwazzjoni kwindi hija din, f'din il-kollizzzjoni kien hemm involuti zewg karozzi – il-vettura U-8421 li hija misjuqa minn Stephan Sant Fournier l-assikurat ta' Micallef Insurance Agency u l-vettura O-2045 proprjeta' ta' Victor Vella li huwa l-assikurat ta' Montaldo Insurance pero' misjuqa minn John Ciantar. Micallef Insurance hadet sentenza kontra John Ciantar u din saret definittiva. Issa Montaldo Insurance l-assikurazzjoni ta' Victor Vella l-proprjetarju tal-karozza qieghdha tfittex, li ghaliha huwa t-third party l-konvenut Stephan Sant Fournier u permezz tad-digriet tat-13 ta' Ottubru 1999, lill-kjamat fil-kawza John Ciantar li huwa s-sewwieq tal-karozza ta' Victor Vella. Mela fuq naha wahda ghandna lis-socjeta' attrici u sid il-karozza Victor Vella kontra Stephan Sant Fournier li huwa s-sewwieq tal-karozza l-ohra u cioe' U-8421 u John Ciantar is-sewwieq tal-karozza proprjeta' ta' Victor Vella.

Bid-decizjoni taghha tal-11 ta' Marzu 1999, il-Qorti tal-Appell qalet illi l-kawza illi din il-Qorti ghandha quddiemha hija differenti mill-ewwel kawza illi kellha din il-Qorti u cioe' bejn Micallef Insurance u John Ciantar peress illi l-partijiet huma differenti. Fuq dan it-taghlim kwindi din il-Qorti trid tghaddi biex tiddeciedi r-responsabbilita' ta' din il-kawza indipendentement minn dak illi inghad mill-Qorti stess permezz tas-sentenza taghha tal-20 ta' Gunju 1997, fejn fi kwalunkwe kaz, John Ciantar f'dik il-kawza baqa' kontumaci.

Ghal dak li hija responsabbilita' kwindi, rrizulta mill-provi illi John Ciantar kien qed isuq il-vettura O-2045 proprjeta' ta' Victor Vella, hiereg minn Windsor Terrace biex ikompli t-triq tieghu ghal Tower Road fid-direzzjoni tat-torri. Il-konvenut Stephan Sant Fournier kien niezel minn Stella Maris Street biex jibqa' hiereg ukoll ghal Tower Road. Ciantar jghid li meta gie fil-kantuniera ta' Stella Maris Street huwa waqaf biex jesplora t-triq li kien hemm quddiemu. Kien f'dak il-hin illi gie Stephan Sant Fournier u baqa' diehel fuq il-karozza tieghu u laqtu fil-bieba ta' wara. Din il-Qorti ma kellhiex il-konfort tax-xhieda ta' Stephan Sant Fournier u ghalhekk trid toqghod fuq dak illi qal John Ciantar biss.

Dak iz-zmien illi sar l-incident ma kienx hemm it-traffic lights u t-traffic island illi hemm illum fil-pjazza ta' Ford Ghadir, ghalhekk meta vettura tohrog minn Windsor Terrace tigi mall-ewwel fil-pjazza l-kbira illi hemm f'Fond Ghadir u minn hemm sewwieq irid jesplora Tower Road, miz-zewg nahat taghha qabel ikun jista' jkompli t-triq tieghu. Min-naha l-ohra vetturi li jkunu hiergin minn Stella Maris Street biex ikomplu t-triq taghhom fit-Tower Road iridu bilfors jidhlu f'din il-pjazzetta u hekk kif tizbokka minn Stella Maris Street sewwieq irid ihares mall-ewwel lejn ix-xellug tieghu ghax minn hemmhekk ikunu gejjin il-vetturi minn Windsor Terrace. Dak il-hin illi hareg il-konvenut, John Ciantar kien diga' fil-pjazza, kien wieqaf qed jesplora t-triq, kwindi s-sitwazzjoni hi illi Stephan Sant Fournier messu nduna bil-presenza ta' Ciantar quddiemu u mhux jibqa' hiereg ihares direzzjoni meta kellu karozza sejra f'direzzjoni ohra. Minn din ix-xhieda jidher illi Ciantar ma kienx responsabbli ghal dan l-incident, almenu mid-deposizzjoni li ta l-Qorti ma tista' ssib xejn x'ticcensura u huwa probabbli li l-incident gara kif qal hu. Abbazi ta' din il-probabbilita' l-istanza attrici timmerita illi tkun konfermata kif ghandhom ikunu konfermati wkoll l-argumenti migjuba mis-socjeta' attrici fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghha ghal dak li jirrigwarda l-meritu ta' dan l-incident. Ghal dak li jirrigwarda d-danni filwaqt li fic-citazzjoni qed jintalab l-ammont ta' mitejn u sitta u tmenin lira u hamsa u erbghin centezmu (Lm286.45c), fix-xhieda li ta quddiem din il-Qorti David Debono claims managaer tad-ditta attrici qal illi s-socjeta' minnu rapprezentata hallset l-ammont ta' tlett mija sitta u hamsin lira u erbgha u hamsin centezmu (Lm365.54c). mitlub jispjega din id-differenza qal illi meta giet ipprezentata c-citazzjoni ma nkludewx is-survey fees, r-road accident report u erbat ijiem loss of use. Sussegwentement ghal din ix-xhieda bil-verbal tat-13 ta' Jannar 1998 l-partijiet iddikjaraw li mhux qed jikkontestaw l-ispejjez li hallset is-socjeta' attrici ghal hsarat subiti mill-assikurat taghha, kwindi ghal fini tad-danni sejra tieghu din ic-cifra illi semma' David Debono fix-xhieda tieghu a fol. 15.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut Stephan Sant Fournier li jhallasha s-somma ta' tlett mija u hamsin lira u hamsa u erbghin centezmu (Lm365.45c) bhala danni u spejjez relatati u kagunati mill-konvenut fl-incident tat-traffiku illi gara fis-26 ta' Frar 1996 f'tas-Sliema, meta huwa kien qed isuq il-vettura U-8421 meta bi traskuragni, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku habat mal-vettura O-2045 misjuqa minn John Ciantar u proprjeta' ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici Victor Vella. Bl-ispejjez kontra l-konvenut Stephan Sant Fournier."

Minn dik is-sentenza appella l-konvenut Stephan Sant Fournier permezz ta' rikors tal-appell prezentat fis-6 ta' Dicembru 2000, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata filwaqt li tichad it-talbiet attrici fil-konfront tieghu liema talbiet attrici ghandhom invece jigu milqugha fil-konfront tal-kjamat fil-kawza John Ciantar, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi u l-kjamat fil-kawza jew min minnhom.

Ma jirrizultax illi saret risposta tal-appell.

L-aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-sottomissjonijiet li gejjin :-

1. L-ewwel Qorti naqset li taderixxi ruhha mas-sentenza ta' din il-Qorti tal-11 ta' Marzu 1999.

2. L-ewwel Qorti naqset li tinvoka s-sentenza tal-20 ta' Gunju 1997 fl-ismijiet "Micallef Insurance Agency Limited et vs John Ciantar" (Avviz Numru 665/95 DM).

3. L-ewwel Qorti naqset li tikkonsidra li John Ciantar huwa parti fil-kawza bhala kjamat fil-kawza.

L-appellant jissottometti li l-ewwel Qorti naqset li tapplika s-sentenza tal-20 ta' Gunju 1997 li ghaliha ghada kemm saret riferenza. Bil-konvologiment ta' John Ciantar, allura konvenut f'dik il-kawza, li fiha nstab unikament responsabbli, bhala kjamat f'din il-kawza, issa sar parti f'dawn il-proceduri. Fejn fis-sentenza citata tal-20 ta' Gunju 1997 l-appellant ma kienx parti proprju, f'dawn il-proceduri huwa konvenut bhal John Ciantar. L-appellant jissottometti wkoll illi l-kollizjoni hija l-istess wahda fiz-zewg kawzi. Jidher, pero', li din ir-res iudicata giet skartata ghal kollox. L-appellant jissottometti li lanqas biss saret riferenza ghaliha meta l-ewwel Qorti giet biex tiddeciedi l-mertu ta' din il-kawza u x'kien il-mertu ta' din il-kawza. Huwa jissottomettu wkoll illi bil-konkluzjoni tal-ewwel Qorti giet krejata assurdita legali. Giet tfisser li ghall-istess kollizjoni jezistu zewg sentenzi – l-ewwel wahda ghaddiet in gudikat - u dik odjerna li minnha qed isir dan l-appell. Din l-assurdita' legali tirrizulta multo magis meta l-ewwel Qorti fis-sentenza preliminari taghha tat-8 ta' Gunju 1998 gia' kienet iddecidiet favorevolment.

L-appellant jissottometti illi huwa inkoncepibbli li jkollok sitwazzjoni simili u cioe' li l-istess kollizjoni bejn l-istess partijiet ikollha ezitu kontrarju f'zewg enunzjazzjonijiet gudizzjarji separati.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan l-appell kif anke l-proceduri quddiem l-Prim'istanza wara s-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta moghtija fil-11 ta' Marzu 1999 gew komplikati inutilment. Infatti bis-sentenza li ghada kemm issemmiet, cioe' dik tal-15 ta' Marzu 1999, din il-Qorti diversament presjeduta, tajjeb jew hazin, iddecidiet definittivament il-vertenza ta' res iudicata. Deciz dak il-punt, kien kollu inutli, kontro-indikat u anzi irregolari illi l-konvenut Stephan Sant Fournier, kemm qabel ma saret il-kjamata fil-kawza ta' Ciantar, kif ukoll wara, jkompli jibbaza l-gran parti tas-sottomissjonijiet tieghu fuq is-sentenza l-ohra tal-20 ta' Gunju 1997 fejn kienet giet deciza l-kwistjoni tar-responsabbilita' ghall-kollizjoni de quo bhal li kieku din il-Qorti ma kienitx ippronunzjat ruhha diga' fuq jekk din kienitx tikkostitwixxi res iudicata bejn il-partijiet. Kif inghad, una volta stabbilit illi ma kienitx fondata l-eccezzjoni ta' res iudicata, l-ewwel Qorti ma kellhiex alternattiva hlief li tghaddi biex tiddeciedi l-kawza fuq il-mertu, anke jekk ir-rizultat seta' jkun – kif effettivament irrizulta li kien – f'decizjoni rigwardanti r-responsabbilita' ghall-istess kollizjoni konfliggenti ma' dik deciza precedentement fil-kawza l-ohra. Dawn huma affarijiet illi jistghu jigru u li jistghu jigu evitati biss kieku kienet valida l-eccezzjoni tar-res iudicata. Dana qeghda tghidu din il-Qorti, ghaliex, una volta bis-

sentenza taghha precedenti dan il-punt tar-res iudicata gie deciz darba ghal dejjem u in effetti ghadda in gudikat, ma kellux ikun ittollerat aktar illi l-istess sottomissjoni issir ripetutament daqqa taht vesti u daqqa taht vesti ohra bazata fuq aspetti ftit jew wisq differenti imma dejjem mhux sufficjenti biex jinnewtralizzaw l-effetti tas-sentenza l-ohra msemmija ta' din il-Qorti.

Kwantu jirrigwarda l-meritu, din il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza inkluza x-xhieda li nghatat mill-istess John Ciantar fil-bidu ta' dawn il-proceduri, u cioe', fit-13 ta' Jannar 1998, u tara illi assolutament ma ssib xejn x'ticcensura f'dak li ddecidiet l-ewwel Onorabbli Qorti ghal dik li hija responsabbilita'. Infatti din il-Qorti kif presjeduta, konsapevoli ghall-ahhar mill-konfigurazzjoni tal-lokal fejn sar l-incident kif kien qabel ma sar it-tibdil fih fis-snin ricenti, m'ghandiex dubbju illi unikament responsabbli ghal kollizjoni ma setax kien hlief il-konvenut Stephan Sant Fournier.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi konfermata, bl-ispejjez ta' din l-istanza a karigu tal-appellant.

Dep/Reg

mg